**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 9 TA' FRAR 2020**

**Magħmudija Komunitarja**
Illum is-Sibt 8 ta' Frar 2020 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5:15pm.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Illum is-Sibt 8 ta' Frar 2020 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Luċija, fit-8:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-10:00pm.

**Grupp tal-Armar tal-Parroċċa – Maratona Liedna**
Il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa qed jorganizza maratona tal-liedna nhar il-Ħadd 9 ta' Frar 2020 fis-Sala Sant'Anna mit-8:00am 'l quddiem. Inħeġġukom sabiex min jista' jagħti daqqa t'id f'din il-maratona li tkompli tgħinna naħdmu għall-preparazzjonijiet tal-festa ta' din is-sena.

**Festa ta' San Pawl Missierna**
It-Tnejn 10 ta' Frar 2020 hija l-festa ta' San Pawl Missierna. Il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd u nfakkrukom li hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-Quddiesa.

**Festa tal-Madonna tal-Lourdes u Jum Dinji tal-Morda**
It-Tlieta 11 ta' Frar 2020 hija l-Festa tal-Madonna tal-Lourdes u Jum il-Morda.
L-Għaqda Djoċesana għat-trasport tal-morda f'Lourdes qed torganizza quddiesa fl-10:00am, immexxija mill-Isqof Awżiljarju Mons. Joseph Galea Curmi, fis-Santwarju ta' Santa Tereża, Birkirkara.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 11 ta' Frar 2020 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Qaliet (mit-*traffic lights* sa Villa Sant'Anna).**

**Kummissjoni Liturġija**
Il-Ħamis 13 ta' Frar 2020 fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Il-Ħadd 16 ta' Frar 2020 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**90 Anniversarju Azzjoni Kattolika**
Nhar il-Ħadd 16 ta' Frar fl-4.30pm ġewwa l-Knisja Arċipretali ta' San Bastjan Ħal Qormi, l-Azzjoni Kattolika se tkun qed tiċċelebra quddiesa ta' radd ta' ħajr immexxija mill-Isqof Awżiljarju Mons. Joseph Galea Curmi fl-okkażjoni tad-90 Anniversarju mit-twaqqif uffiċjali tal-Azzjoni Kattolika f'Malta. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Mother and Baby Club**
Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2020.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 20 ta' Frar 2020 fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti

mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
Il-Ħamis 20 ta' Frar 2020 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Qaliet (minn Triq il-Gardiel sat-*traffic lights*).**

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**
Is-Sibt 22 ta' Frar 2020 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sal-5.00pm. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Griżma tal-Isqof 2020**
Il-Griżma tal-Isqof fil-Parroċċa ser issir nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2020 fl-4:00pm u l-Ħadd 18 ta' Ottubru 2020 fil-11:00am.

**Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja**
Bdew jintlaqgħu Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja ta' applikanti minn skejjel tal-gvern u indipendenti. Aktar dettalji minn fuq il-website tal-Kurja thechurchinmalta.org u minn fuq in-noticeboards.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.